# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


ŻGħIR B'QALB KBIRA

## Seduta numru 10. Illum it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Bring In Sites
Performace appraisal haddiem klerikali
Performance appraisal segretarju Ezekuttiv
Ftuh ta' Offerta ghal Knis ta' toroq Urbani
Laqgha annwali tal-lokalita
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2.0 Punti Mill-Minuti**

2.1 Il-Vici Sindku Eman Vella nforma li bhalissa qed tigi ppreparata applikazzjoni biex il-Kunsill jippartecipa fi progett iehor Youth, biex jospita grupp ta' zghazagh minn erba pajjizi differenti f'Awissu.

2.2 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa li l-quiz organizzat mill-Kummissjoni Ewropeja intrebah mill-grupp zghazagh imgarri ffurmat mis-Sinjorina Stephanie Deguara, is-Sinjorina Erica Mifsud u s-Sinjorina Charlene Borg, li se jkunu qed jitilghu Brussell fil-jiem li gejjin.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt
ŻGHIR B'QALB KBIRA

2.3 Kien hemm qbil li l-materjal ghall-medalji ta' Gieh Mgarr jigi ordnat minn kumpanija Ingliza filwaqt li jigu ordnati hmistax il-midalja tal-fidda mill-kumpanija Victor Azzopardi.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Il-Kunsill accetta l-istima tas-Sinjorina Iona Muscat, arkejologista, ghal prezz ta' €9 kull siegha ta' supervizjoni in konnessjoni max-xoghol ta' resurfacing fi Triq Imqades.

3.2 Il-Kunsill qabel li jixtri tliet kotba The Great Siege of Malta ghal-librerija pubblika, kif ukoll jigi pprezentat kopja lis-Sindku ta' Mathi, li se jkun f'Malta waqt Gieh Mgarr.

3.3 Il-Kunsill innota li ntlaqghet l-applikazzjoni PA 04038/07 ghall-Bini ta' hajt fil-Bajja tal-Gnejna. Il-Kunsill se jitlob l-ghajnuna tal-Ministeru ghall-Ambjent u Affarijiet Rurali ghal dan ix-xoghol.

3.4 Il-Kunsill qabel li jutilizza l-fond ta' l-Urban Improvement Fund tal-MEPA fuq il-progett taz-zuntier u l-bandli tal-pjazza. Il-Perit tal-Kunsill se jigi assenjat jipprepara d-dokumenti necessarji ghal dawn il-progetti.

3.5 Il-Kunsill approva l-istima tas-Sur Angelo Gauci biex ipoggi l-irham tad-dahla tal-Kunsill ghal prezz ta' € 808. Il-Kunsillier Clayton Gauci ma ppartecipax fid-diskussjoni, minhabba nteress familjari.

**4.0 Komunikazzjonijiet**

4.1 Is-Sindku nforma li l-korsijiet tal-kompjuter se jibdew il-gimgha d-diehla. Huwa nforma li dahlu numru sostanzjali ta' applikazzjonijiet u dan huwa ta' kuragg kbir ghall-Kunsill. Huwa nforma li dawn il-korsijiet se jiswew lill-Kunsill € 550, dovuti lill-kumpanija TCTC.

4.2 Is-Sindku nforma li gie nfurmat li l-Gnien tad-Darrenzi se jghaddi that ir-risponsabilita tal-Kunsill permezz ta' devoluzzjoni. Huwa nforma li s-Segretarjat Parlamentari ghall-Artijiet se jkun qed jinfurma bl-izvilupp ta' din id-devoluzzjoni.

**5.0 Bring In Sites**

5.1 Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew dwar il-proposti mibghuta mill-kumpanija Greenmt u l-kumpanija Greenpak dwar il-gbir ta' skart riciklat mir-residenzi u Bring In Sites. Wara li gew moqrija l-proposti u l-beneficcji offruti miz-zewg kumpaniji, is-Sindku ppropona li tinghazel il-proposta ta' Greenmt, peress li l-offerta kienet aktar vantaggjuza u s-servizz jibda minn Frar 2010. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

**6.0 Performance Bonus HAddiem Klerikali**

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill, l-andament tax-xoghol tas-Sinjura Natasha Cassar matul is-sena 2009. Hija nfurmat li s-Sinjura Cassar dejjem ghamlet ix-xoghol tagghha b'dedikazzjoni, anke fid-dawl li s-sena 2009 kienet wahda difficli minhabba nuqqas ta' staff klerikali u ghalhekk proponiet li tinghata l-full performance Bonus. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u kien hemm qbil unanimu li s-Sinjura Cassar tinghata l-Performance Bonus.

**7.0 Performance Bonus Segretarju Ezekuttiv**

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba tohrog mill-kamra biex jigi diskuss dan is-suggett. Wara li giet imsejjha lura fil-kamra, hija giet infurmata li nghatat il-full performance bonus ghax-xoghol li wettqet matul is-sena. Thejjiet diskussjoni dwar ix-xoghol li qed jitwettaq u kien hemm qbil fuq titjib li jista' jsir fuq il-lat amministrattiv. Hija rringrazzjat lill-Kunsill.

**8.0 Laqgha Annwali tal-Lokalita**

8.1 Is-Sindku ppropona li fid-dawl tat-tibdil fil-Legislazzjoni li saret, issir il-laqgha annwali fid-29 ta' Jannar fis-6.30p.m. Kien hemm qbil unanimu f'dan ir-rigward.

**9.0 Gieh Mgarr 2010**

9.1 Il-Kunsill iddiskuta l-programm ta' Gieh Mgarr ghas-serata li se ssir il-Hadd, 21 ta' Frar 2010, li ghaliha se jkunu prezenti wkoll numru ta' bandisti minn Mathi, li se jakkumpanjaw lill-Banda Imperial fil-programm muzikali.

9.2 Gie mfassal il-programm ghar-residenti ta' Mathi li se jkunu f'Malta bejn l-20 u t-22 ta' Frar.

**10.0 Affarijiet Mixxellanji**

10.1 Il-Kunsill qabel li jixtri dehumidifier ghall-file room li tinsab fl-estensjoni tal-Kunsill.

10.2 Sar qbil li jintalbu stimi ghall-komputer ghall-Ufficcju Amministrattiv.

10.3 Giet imfassla laqgha mal-kumpanija Liquidstudios nhar it-Tlieta, 2 ta' Frar, biex tigi mtejjba l-website tal-Kunsill. Il-Vici Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauci, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv se jkunu prezenti ghal din il-laqgha.

10.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qassmet kopja tar-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju – Settembru 2009. Wara li gie spjegat dan ir-rapport, gie approvat mill-Kunsill.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


10.5 Il-Kunsill qabel li jnehhi l-crash barriers li jinsabu quddiem il-muzew fi Triq Sir Harry Luke, peress li spicca l-uzu taghhom.

10.6 Il-Kunsill qabel li jistudja l-possibilita li jsiru parking bays fi Triq Sir Harry Luke. Il-Kunsill se jiehu l-parir tal-konsulent ghall-immanigjar tat-traffiku f'dan ir-rigward.

10.7 Il-Kunsill qabel li jinstalla mera fi Triq San Filippu.

10.8 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa li l-exchange li ghadha kemm saret fil-lokalita ta' Mathi intlaqghet tajjeb hafna u dawk li ppartecipaw tkellmu b'mod posittiv dwarha.

10.9 Il-Kunsillier Giovanni Gatt sahaq fuq l-importanza li jkun hemm bus shelter mal-bus stop gdida fi Triq Fisher. Is-SIndku nforma li t-talba ghal Bus Shelters saret lill-ADT ghar-rahal kollu, izda hemm problema amministrattiva mill-kumpanija in kwistjoni.

11.0 Il-Kunsillier Maria Said qalet li giet avvicinata biex ma titnehhiex iz-zebra crossing ezistenti fi Triq Fisher. Il-Kunsill qabel li jinforma l-ADT u jiehu l-parir taghha f'dan ir-rigward.

11.1 Il-laqgha ntemmet fid-9pm.

11.2 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2010, fis-6.00p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku